# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli :

(a) "nhar 12.03.2014 ghal habta ta 00:15hrs bhala il-persuna li f'ismek ghandek il-hanut Taboo Bar, gewwa Triq Bormla, Paola, impjegajt lil Jason Formosa biex jaghmilha flokok jew bħala rappreżentant tieghek minghajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' LS 10.09 Reg 21;

(b) Kif ukoll bhal persuna responsabli tal-hanut Taboo Bar kont fi dmir li ma tippermettix ebda tipjip ta' xi prodott tat-tabakk fil-fond imsemmi u dan bi ksur tal-L.S. 315.04 Reg 3(2)."

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mix-xiehda ta' WPS 167 J. Grech jirriżulta li fi spezzjoni li l-Pulizija għamlet fid-data inkriminata hija kienet sabet lil Jason Formosa (numru tal-karta tal-identita 293678M) li kien qiegħed fil-ħanut. Sid il-bar ma rriżultax li kien qiegħed hemm dak il-ħin. WPS 167 staqsietu jekk kellux liċenzja ta' "*substitute*". It-tweġiba tiegħu kienet "illi l-karti kienu jiehu hsiebhom is sid". Il-Qorti tqis din it-tweġiba bħala milquta mir-regola tal-*hearsay evidence*, u għalhekk sejra tqisha biss mhux bħala prova tal-kontenut tal-istess stqarrija magħmula iżda biss bħala prova li WPS 167 semgħet dawk il-kliem minn fomm Jason Formosa.

Mill-banda l-oħra jirriżulta mix-xiehda tal-PL Quentin Tanti li Jason Formosa (numru tal-karta tal-identita 293678M) jiġifieri l-istess persuna li WPS 167 kienet sabet fil-ħanut meta kienet għamlet l-ispezzjoni, kien reġistrat bħala *substitute* għall-istabbiliment ġestit mill-imputat b'effett mit-18 ta' Marzu 2014. Dan ifisser li fid-data inkriminata Jason Formosa ma kienx għadu reġistrat bħala *substitute*.

Il-Qorti tqis in bażi għal din l-evidenza diretta kif ukoll dik ċirkostanzjali univokament tipponta lejn il-preżenza ta' Jason Formosa (numru tal-karta tal-identita 293678M) fil-ħanut de quo mhux bħala waħda każwali jew ta' parruċċan abitwali iżda bħala waħda li hija determinanti għal din l-imputazzjoni inkwantu kien qiegħed jaġixxi ta' *substitute* mingħajr il-liċenza meħtieġa. Dak li semgħet minn fomm Formosa WPS 167 ma kienetx espressjoni ta' xi ħadd li kien qiegħed fil-ħanut b'mod każwali jew xi parruċċan jixrob fuq xi mejda; ma kienx kliem li wieħed jistenna minn persuna li ma għandhiex xi forma ta' rabta jew interess fil-ġestjoni tal-ħanut de quo bħal xi forma ta' espressjoni ta' nuqqas t'għarfien għal dak li kienet qegħda tistaqsi s-surġent, jew espressjoni ta' disassoċjazzjoni jew ċaħda fir-rigward ta' jekk għandux permess ta' *substitute*. Iżda s-Surġent 167 semgħet espressjoni li kien hemm xi karti (relatati mal-mistoqsija, naturalment u liema mistoqsija kienet tirrigwarda lilu u mhux lil ħaddieħor) li kien qiegħed jieħu ħsiebhom is-"sid".

Inoltre, il-fatt li huwa jirriżulta li ġie approvat bħala *substitute* tal-istess stabbiliment sitt ijiem biss wara dan l-inċident ikompli jsaħħaħ il-konvinzjoni f'moħħ din il-Qorti li dakinhar tat-12 ta' Marzu 2014, Jason Formosa kien verament qiegħed jaġixxi ta' *substitute* mingħajr il-liċenza meħtieġa.

Ir-regolament 21 tal-L.S. 10.09 jippreskrivi li :

> Ebda persuna bil-liċenza ma tista' timpjega persuna oħra biex tagħmel flokha jew bħala rappresentanti tagħha mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Mill-provi irriżulta li l-imputat kien il-persuna li fuqha kellha liċenza ta' "snack bar second class" tal-ħanut Taboo Snack Bar, jew kif inhu aktar magħruf bħala Taboo Bar. Din l-imputazzjoni għalhekk tirriżulta pruvata soddisfaċentement.

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni jirriżulta li WPS 167 rat u sabet lil ċertu Belhaj Rasem li kien qiegħed ipejjep ġewwa l-ħanut. L-imputat bħala l-persuna responsabbli mill-ġestjoni tal-istabbiliment (li fih il-pubbliku jkollu jew jitħallielu aċċess bi ħlas jew xort'oħra u li ma hux residenza privata) kellu obbligu pożittiv li jara li ma jkunx permess u li ma jkunx qed isir tipjip ta' prodotti tat-tabakk f'xi zona magħluqa għaliha ġewwa l-fond tagħha. Iżda f'dan il-każ wieħed mill-elementi ta' dan ir-reat u li jrid jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni huwa li t-tipjip li jkun qed isir ikun ta' **<u>prodott tat-tabakk</u>**. Dwar dan l-element ma nġiebet ebda prova. Ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li Kassem kien qiegħed ipejjep prodott tat-tabakk u mhux xi sustanza oħra... Minħabba f'hekk dil-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' dan ir-reat.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat ir-regolament 21 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 392 tal-1929 kif emendata ossija L.S. 10.09 kif ukoll l-Artikoli 317 u 318 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat għall-ammenda ta' ħamsin euro (€50).

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***